# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 255/20/3 TA**

**Christopher Bartolo**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Din id-deċiżjoni titratta dwar l-appell li sar mill-Avukat tal-Istat fit-30 ta' Diċembru 2020 minn provvediment tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-15 ta' Diċembru 2020 li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent u ordnat li sakemm għad hemm pendenti l-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo v. Avukat tal-Istat** (Rikors 255/2020/1), m'għandhomx ikomplu l-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika v. Christopher Bartolo** (Rikors numru 8/2014).

2. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ huma s-segwenti:

i. Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja u kien akkużat li fil-31 ta' Mejju 2013 u xhur ta' qabel kien ittraffika d-droga *cannabis*.

ii. Fil-5 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża kostituzzjonali **Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et** (92/2016) fejn ilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u talab lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tal-istqarrija mill-atti tal-proċeduri kriminali.

iii. B'sentenza tas-27 ta' April 2017 fil-kawża **r-Repubblika ta' Malta v. Christopher Bartolo** (numru 8/2014), ir-rikorrent instab ħati ta' traffikar tad-droga *cannabis* u kkundannat għall-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' ħames (5) snin u multa ta' ħmistax-il elf euro (€15,000). Sentenza li ngħatat wara ammissjoni tal-akkużi kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti Kriminali.

iv. Ir-rikorrent appella mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) għal dak li jirrigwarda l-piena. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021 kellha tingħata s-sentenza.

v. B'sentenza tat-23 ta' Novembru 2017 fil-kawża kostituzzjonali 92/2016 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet li r-rikorrent kien sofra ksur tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex ma ngħatax aċċess għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjonijiet li sarulu mill-pulizija, u konsegwentement:

> *"1. Tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-pulizija u kwalunkwe xhieda tal-pulizija li tagħmel referenza għal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet.*
>
> *2.Tordna illi r-rikorrent jingħata l-possibilta' li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni magħmula minn quddiem il-Qorti.*
>
> *3. Tordna illi fil-każ li r-rikorrenti jirtira l-ammissjoni magħmula minnu, jiġu sfilzati r-rapport tal-Probation Officer Carmen Nygaard u kwalunkwe referenza għal ammissjoni magħmula mir-rikorrent"*.

vi. B'sentenza li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018 laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u ddikjarat li l-proċeduri huma intempestivi, u minflok ordnat *".... li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent"*.

vii. Fl-20 ta' Novembru 2020 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża kostituzzjonali li b'referenza għaliha ngħata l-provvediment meritu ta' dan l-appell. Fil-kawża l-appellant qiegħed jilmenta minn diskriminazzjoni u ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kawża li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla u differita

għas-sentenza għas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021. Fil-qosor l-ilmenti tar-rikorrent huma li:

(a) Il-Qorti Kostituzzjonali kienet għamlet diskriminazzjoni b'dak li ordnat fil-kawża **Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali** (92/2016/1) tal-5 ta' Ottubru 2018 u ma' dak li ordnat fil-kawża **Brian Vella v. Avukat Ġenerali** tal-14 ta' Diċembru 2018;

(b) L-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) (Kap. 537) għandu japplika wkoll għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, u s-sitwazzjoni preżenti qiegħda toħloq diskriminazzjoni bejn dawk l-individwi li jkunu akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti Kriminali;

(c) L-istqarrija ġuramentata li ta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tilledi l-jedd għal smigħ xieraq;

(d) Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali bħala konsulent legali tal-Gvern u r-rwol bħala prosekutur jagħtu lok għall-kunflitt ta' interess u jwasslu għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

(e) Id-droga li nstabet għand ir-rikorrent kienet ġiet analizzata minn Godwin Sammut f'laboratorju li ma kienx akkreditat għall-EN ISO/IEC 17025.

viii. Fl-20 ta' Novembru 2020 ir-rikorrent ippreżenta rikors li bih talab lill-istess Qorti sabiex *"..... tordna lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tissoprasjedi pendenti d-determinazzjoni ta' dawn il-lanjanzi mill-Qorti Kostituzzjonali, l-ogħla Qorti tal-pajjiż, qabel tiġi sabiex tiddeċiedi l-appell kriminali"*.

ix. B'digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni tas-smigħ tal-appell.

x. Fil-15 ta' Diċembru 2020 l-ewwel Qorti tat provvediment li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

3. B'rikors preżentat fit-30 ta' Diċembru 2020 l-Avukat tal-Istat appella mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Fir-rikors argumenta li:

> *"..... sabiex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li a) hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u b) li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura. Għalhekk mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li seħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ. Illi*

*għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostaran, kien jinkombi fuq l-appellat li juri li għandu dritt prima facie li nkiser u li sseħħ ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħariġx il-miżurta provviżorja. Dawn i-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti. Fil-każ preżenti jidher li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-appellat, minkejja l-assenza ta' dawn iż-żewġ rekwiżiti tant neċessarji.*

*Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti imkien fid-digriet mhemm imniżżel kif dawn iż-żewġ rekwiżiti ġew sodisfatti. Kull mhemm fid-digriet huwa li skont l-Ewwel Qorti, jeżistu l-elementi biex tinħareġ il-miżura provviżorja u li jekk is-sentenza ma tingħatax fis-27 ta' Jannar 2021 dan mhux ser jippreġudika l-interessi tal-Istat jew tas-Soċjeta. L-esponent għandu jedd ikun jaf eżattament x'wassal lil dik il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja iżda fid-digriet mhemmx motivazzjoni ċara għaliex din il-Qorti laqgħet it-talba".*

4. L-ewwel Qorti tat is-segwenti raġunijiet għad-deċiżjoni appellata:

*"Il-Qorti osservat ukoll li l-parti kbira ta' ordnijiet ta' din ix-xorta jinħargu f'każijiet ta' deportazzjoni fejn hemm theddid serju għall-ħajja jew ir-rimozzjoni ta' tfal jew ġenitur minn territorju jew pajjiż. Dan għaliex din l- ordni għandha tkun użata b'diskrezzjoni dejqa ħafna u dan sabiex ma jkunux stultifikati proċeduri tal-Istat.*

*Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-każ quddiemha. Għalkemm huwa minnu li tali ordni tingħata eċċezzjonalment f'każijiet tipiċi imsemmija anke fuq stregwa tal-linji gwida li jesistu abbażi tar-rule of Court 39 tal-Qorti Ewropeja, b'dana ma jfissirx li meta jitqanqal każ li ma jkunx jaqa' tipikament kif fuq imsemmi, allura l-Qorti għandha ċjekament tiddesisti milli tuża dan il-poter. L- importanti li jkunu jesistu l-elementi fuq imsemmija u f'każijiet eċċezzjonalissimi.*

*Meta din il-Qorti fliet iċ-ċirkostanzi partikulari li jiċċirkondaw dan il-każ, ikkonvinċiet lilha nnifisha, li ordni bħal din timmerita li tkun akkolta għaliex jesistu l-elementi biex tinħareġ. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti, jekk tingħatax Sentenza fis-27 ta' Jannar 2021 jew le, ftit li xejn tista' tippreġudika l-interessi tal-Istat jew tas-Soċjeta'. Minn naħa l-oħra kull ġurnata ta' telfien ta' ħelsien għal din il-Qorti, huwa fih innifsu dannu rreversibbli, indipendentment minn kull kompensazzjoni pekunjarja. Il-flus ma jitraduċux lilhom infushom ħelsien mitluf. Dan għaliex b'dak li qed tgħid din il-Qorti hu, li f'każ li t-talbiet tal-imsemmi jiġu miċħuda fil-mertu tar-Rikors Kostituzzjonali, is-Sentenza tal-Qorti Kriminali dejjem xorta ser tingħata.*

*Fl-aħħar din il-Qorti trid tagħmilha ċara, li t-talba qed tintlaqa' lil hinn mill- każijiet tipiċi li fihom intlaqat minħabba il-karattarestiċi partikulari tal-każ".*

5. Fl-istat attwali taċ-ċirkostanzi hu evidenti li bħalissa l-iktar li r-rikorrent jista’ jottjeni fl-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) hi tnaqqis fil-piena ġialadarba l-appell li ppreżenta hu biss fuq il-piena.

6. M’hemmx dubju li ma kien hemm xejn x’iżomm lir-rikorrent milli jipproponi l-kawża kostituzzjonali qabel l-20 ta’ Novembru 2020, bl-ilmenti li ressaq fil-kawża tal-lum. Wieħed ma jistax ma josservax il-fatt li s-sentenza tal-Qorti Kriminali ngħatat f’April 2017 filwaqt li s-sentenza minn din il-Qorti fl-appell **Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et** (92/2016/1) ingħatat fil-5 ta’ Ottubru 2018. Ir-rikorrent ma ta l-ebda raġuni għalfejn ħalla iktar minn sentejn qabel ippreżenta l-kawża kostituzzjonali tal-lum. Mit-tweġiba li ppreżenta l-intimat quddiem l-ewwel Qorti, il-Qorti fehmet li r-rikorrent kien diġa` għamel talba lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) sabiex tordna referenza kostituzzjonali *ai termini* tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Talba li l-appellant iddikjara li kienet miċħuda b’digriet li ngħata fil-15 ta’ Jannar 2020. Madankollu, iż-żmien li r-rikorrent ħalla li jgħaddi m’għandux ikun ta’ preġudizzju għat-talba li għamel bil-proċedura in eżami.

7. L-Avukat tal-Istat isostni li l-ewwel Qorti ma kkonkluditx li l-fatti jindikaw *prima facie* li hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali nvokati mir-rikorrent. Hu fatt li fil-provvediment mertu tal-appell l-ewwel Qorti

m'għamlet l-ebda raġunament dwar jekk fil-fehma tagħha l-fatti jindikawx *prima facie* ksur tal-jeddijiet fundamentali li fuqhom ir-rikorrent ibbaża t-tieni kawża kostituzzjonali, u fl-affermattiv x'wassalha għal dik il-konklużjoni. Din il-Qorti tosserva li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar *interim measures* huma bbażati fuq interpretazzjoni tar-regolament numru 39 tar-Rules of Court tal-Qorti Ewropea. Regolament li m'huwiex parti mil-liġi Maltija.

8. Kif diġa` ssemma, fil-proċeduri kriminali r-rikorrent appella biss mill-piena. Għalhekk il-kwistjoni dwar ħtija hi deċiża. Dan apparti l-fatt li wara talba tar-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) diġa` tat provvediment (9 ta' Diċembru 2020) li bih ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni tal-appell.

9. Madankollu llum hemm sentenza ta' din il-Qorti, li pero` ngħatat wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' April 2017, li ordnat li ma jsirx iktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet li ta r-rikorrent. Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali, li ngħatat qabel is-sentenza ta' din il-Qorti, ripetutament saret referenza għall-istqarrijiet li ta r-rikorrent għall-finijiet ta' kundanna. Madankollu l-problema tibqa' l-ammissjoni tar-rikorrent li skont il-liġi ordinarja ma setgħetx tiġi rtirata quddiem il-Qorti Kriminali.

10. Irrispettivament jekk ir-rikorrent għandux raġun fil-meritu fil-kawża kostituzzjonali pendenti llum u wara li kkonsidrat dak li ddeċidiet din il-

Qorti fil-każ **Brian Vella v. Avukat Ġenerali** (90/2016/1) u meħud in konsiderazzjoni li s-sentenza li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża 92/2016/1 iddikjarat li t-talba tar-rikorrent kienet intempestiva u għalhekk il-kwistjoni fil-meritu ma kinitx ġiet deċiża, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti għamlet deċiżjoni għaqlija meta ordnat is-sospensjoni tas-smigħ tal-appell **il-Pulizija v. Christopher Bartolo** (8/2014). Din il-Qorti taqbel pjenament mar-raġunament tal-ewwel Qorti dwar l-effett li ġġib magħha f'dan l-istadju sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fuq l-appellant u li jaf ikun irriversibbli jekk eventwalment jingħata raġun fil-kawża kostituzzjonali. Raġunament li l-ewwel Qorti għamlet minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm